# L-arroganza

Kerha l-arroganza
Taħtaf lil kulħadd,
Taħseb l'hi xi alla
Ma ġġerraħ lil ħadd.

Mingħaliha taf ħafna
Magħluqa hi wisq,
Miskin hu min iħokk
Magħha, jkun bla risq.

Qerda l-arroganti
Jġibu biss l-inkwiet,
Tarahom tieħu qatgħa
Għad isiru rmied.

Kemm tmurilhom l-arja
Il-qżież kif jitlaq,
Iż-żejjed hu żejjed
Bihom 'n-nies tidħak.

Ħelu l-bniedem umli
Jitħaddet man-nies,
Għalih din familja
B'hekk ferħan bla qjies.

F'dar-Randan insumu
Mill-arroganza,
Hi tinfdilna ruħna
Kiefra dil-lanza.

Peress li ha ngħixu
Għal dejjem f'dil-art?
Aħjar naħsbu f'ruħna
Aħna m'aħniex skart.

Inti l-arroganti
Tgħallem l-umiltà,
Issa, l'għadek tferfer
Għix b'sempliċità.

Ħajtek għal ġol-ħofra
Daqt tara l-Mulej,
Iftaħlu dik qalbek
W tgħix fiż-żmien li ġej.

Patri Mario Attard OFM Cap
17 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.